MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-15 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 340/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Victor Pace**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Victor Pace, bin John u Helen nee Micallef, imwieled fit-28 ta’ Dicembru 1963, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 83563(m), talli fid-29 ta’ April 2008 ghall-habta ta’ 22.20 hrs fil-fond Blk M3, Triq il-Weghdiet, B’Kara (**1**) ingurja bi kliem lil Rita Pace, (**2**) insulenta bi kliem lill-istess Rita Pace, u (**3**) qal kliem malafamanti fil-konfront ta’ Rita Pace;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta’ Novembru 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-

imsemmi Victor Pace hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Victor Pace, minnu ppresentat fit-18 ta' Novembru 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; rat id-digriet taghha tal-20 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu, filwaqt li widdbet lill-Avukat Dott. Edward Gatt bhala firmatarju tar-rikors tal-appell, ordnat il-kancellament mill-imsemmi rikors ta' certi kliem fih uzati;

Semghet, fl-imsemmija udjenza, il-provi; semghet ukoll lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju tal-appellant hu, bazikament, li l-ewwel qorti malament sabet lill-appellant hati fuq is-semplici deposizzjoni ta' martu Rita Pace. It-tieni aggravju hu fis-sens li anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, l-affarijiet sehhew bhalma qed tghid Rita Pace, il-piena kienet eccessiva.

Din il-Qorti, wara li semghet lil Rita Pace tiddeponi fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 2009 – din, apparti l-affidavit ta' PS 321 Alan La Grasta, kienet l-uniku xhud ghax l-appellant ghazel li ma jixhedx – hija sodisfatta li fil-gurnata u fil-hin in kwistjoni l-appellant ingurja w insolenta lil martu billi ghajjarha "qahba", "mignuna" u li "tigri ma' l-irgiel". Dan gara fil-kuntest ta' litigju domestiku, u dan wara li l-istess Rita Pace waslet tard id-dar. Ghalhekk l-ewwel aggravju hu respint.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tosserva li mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant jirrizulta li fis-7 ta' Jannar 2009 (u ghalhekk wara li nghatat is-sentenza appellata) l-appellant gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz ta' zewg sentenzi, tar-reat ta' *ragion fattasi* fil-konfront ta' martu, u dan b'referenza ghal fatti li sehhew fid-9 ta' Settembru 2008, jigifieri wara l-incident meritu ta' dan l-appell. F'dawn iz-zewg sentenzi huwa nghata

"conditional discharge" ghal sitt xhur. L-appellant irid jifhem – hu fl-interess tieghu li jifhem – li jekk jibqa' sejjer hekk, hu ser jerga' jispicca l-habs anke ghal reati ta' natura kontravvenzjonali, ghax il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ma jistghux jittolleraw agir ripetut li jikser il-ligi, specjalment fil-kuntest ta' tilwim domestiku. Is-sentenza ta' tletin xahar prigunerija moghtija mill-Qorti Kriminali fil-25 ta' Jannar 2006 u kkonfermata minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fid-19 ta' Ottubru 2006, ma tistax ma tittehidtx in konsiderazzjoni f'sentenzi futuri, specjalment jekk il-fatt li tieghu jinstab hati l-appellant ikun jimplika imqar il-possibilita` ta' vjolenza. Ghal din id-darba, pero`, tenut kont tan-natura tal-incident li kien jikkonsisti f'semplici insulti, din il-Qorti ser tapplika piena pekunjarja.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Victor Pace ghall-piena ta' xahar detenzjoni u minflok tikkundannah ammenda ta' tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23), konvertibbli f'hamest ijiem detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------